MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 36/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Joseph Cordina**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**JOSEPH DINGLI**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEPH DINGLI** ta' erbgha w hamsin sena bin Joseph u Frances nee Buttigieg, imwieled Xewkija, Ghawdex nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 1948 u residenti 'Bernbank', Triq Sant'Elizabetta, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 12049G, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fid-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2003 u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal hemm pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

3. Talli fl-istess cirkostanzi, b’falsifikazzjoni b’firem foloz jew b’tibdil f’atti, fi skritturi jew f’firem jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli jew billi xjentement ghamel uzu minnha.

4. Talli fl-istess cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubbliku, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2003 esibita bhala Dok. JC a fol 25 tal-atti, il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru, 2004 esebit fl-atti u mmarkat Dok. CSH a fol 16, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar il-wiehed w ghoxrin t'April 2005 [fol 19].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar t-tnejn t’April 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t’April 2005 **xehed l-allura Spettur Joseph Cordina** [fol 21] fejn qal li fit-tmienja ta’ Lulju 2003 kien ircieva rapport minghand l-President tal-Gozo Football Association, Joseph Cordina, fejn dan ippresenta kopja ta’ fax datata wiehed w ghoxrin t’April 2003 miktuba mill-Gozo Football Association lid-Dipartment of Citizenship and Expatriates Affairs. Qal li din l-ittra kienet ticcertifika li Ali Moursi Ibrahim, detentur tal-karta tal-identita numru 22055A kien registrat mal-klabb tax-Xewkija Tigers ta’ Ghawdex bhala *non amateur football player* ghal istagun 2003 – 2004 u li dawn kienu qed jitolbu biex tiggeddidlu l-*working permit*. Qal li din l-ittra kienet iffirmata minn certu Lorry Zammit bhala Segretarju.

Ix-xhud kompla jghid li Joseph Cordina kien qal wkoll li kien qed jissuspetta li din l-ittra kienet falza ghal zewg ragunijiet, wahda l-ghaliex Lorry Zammit ma kienx qieghed fil-posizzjoni ta’ Segretarju fil-Gozo Football Association u l-ohra peress li lanqas hu bhala President ma sab ebda rekord fil-Gozo Football Association dwar Ali Moursi Ibrahim.

Qal li dan ma jafux u qatt ma sabu registrat bhala *player* mal-assocjazzjoni u lanqas ma ebda klabb affiljat f’Ghawdex. Ix-xhud spjega li hu kien ghamel l-investigazzjoni necessarja, gabar l-*file* mid-dipartment tal-Expatriates li hu SBWP62/2000 fuq il-persuna ta’ Ali Moursi Ibrahim u dan kien origina b’ittra datata erbatax ta’ Jannar 2000 fejn kien hemm applikazzjoni ghal *working permit*, talba minghand Ali Moursi Ibrahim. Qal li din kienet iffirmata minn Dottor Chris Said bhala Prssident tal-Gozo Football Association bid-data tas-sitta ta’ Jannar 2000.

Ix-xhud kompla jghid li kien hemm wkoll ittra ohra mill-istess avukat li qed tiddikjara li l-Gozo Football Club kien

bi hsiebu jdahhal lil Ali Moursi Ibrahim bhala *player* professjonali. Qal li mill-investigazzjoni li ghamel rrizulta li dan kien igedded l-*work permit* kull sena b'diversi kuntratti minn diversi *clubs*. Qal li meta sab dawn il-kuntratti, sab li ma kienux kollha originali u li kien hemm minnhom li kienu falsifikati u dan ghaliex Ali Moursi Ibrahim fil-fatt qatt ma kien *player* tal-*football*, ipprova jidhol bhala *player* tal-*football* imma wara l-ewwel sena ghal xi 2001, kien wegga' serjament u ma setghax jilghab aktar w ghaldaqstant haseb li kellu ragunijiet bizzejjed biex jahseb li dawk l-ittri kien falsifikati. Spjega li dawn l-ittri wrihom lil diversi nies fejn dawn ikkonfermaw li l-firem fuqhom ma kienux originali u li ma kienux verament taghhom u li kien hemm minn dawn l-allegati firmatarji li lanqas kienu jafu lil Ali Moursi Ibrahim bhala *player* tal-*football*.

Ix-xhud qal li hu kien gabar lil Ali Moursi Ibrahim u hadlu stqarrija fejn dan ikkonferma li ma jilghabx bhala *player* tal-*football* ghaliex kien imwegga' imma kien xtaq li jibqa Malta ghax jekk imur lura pajjizu, kien jinqabad bil-leva bhala suldat. Qal li hu kellu bzonn isib minn fejn Ali Moursi Ibrahim kien qed igib dawn il-karti sabiex jghaddihom lid-dipartment halli jkollu l-*extenstions* tal-*work permit*.

Qal li minn aktar investigazzjoni li ghamel waslitlu informazzjoni dwar l-imputat presenti fl-awla w ghalhekk fit-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 kellem lil imputat li dan ghal ewwel innega li kien ghamel xi haga hazina. Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li kien jaf lil Ali Moursi Ibrahim ghal diversi snin u li kien jimlielu xi karti tat-Taxxa ghaliex hu *accountant* ghalkemm kien irtirat. <u>Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li Ali Moursi Ibrahim kien johodlu *letter heads* tal-clubs u kuntratti u hu kien jimlihomlu u jaghtihomlu lura</u>. Ix-xhud qal li hu kien talab lil imputat sabiex jara l-*computer* tieghu u l-imputat m'oggezzjonax.

Zied jghid li ghalhekk hu kien rega' mar ghand l-imputat flimkien ma PS 130 Ivan Cilia u PC 498 David Agius u hemmhekk fil-presenza tal-istess imputat, sar ezami preliminari fuq il-*computer* u mill-ewwel bdew telghin *letter heads* ta' *clubs*, mhux ittri biss izda anke *letter heads*.

Qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2003 hu ha l-stqarrija tal-impuat wara li tah s-solita twissija fejn l-imputat qallu li kien accountant irtirat. Qallu wkoll li ghamel xi zmien max-Xewkija Tigers ghal xi erbgha snin qabel pero minn dakinhar ’l hawn ma baqax ikollu konnessjoni mal-loghob tal-*football* f’ Ghawdex. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li kien jaf lil Ali Moursi Ibrahim ghal dawk l-ahhar tlett snin u dan kien jitolbu jimlielu l-Income Tax Return.

Qal li l-imputat kien qallu li Ali Moursi Ibrahim kien hadlu xi kuntratt datat disgha ta’ Marzu 2001 tal-Gozo Football Club u talbu biex jghamillu applikazzjoni ghal *work permit* u hu ghamilihlu nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2001 u taha wkoll lil istess Ali Moursi Ibrahim biex dan jigbor il-firem mid-dirigenti tal-club u halla kollox f’idejn l-istess Ali Moursi Ibrahim. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li kien ghamel ittra ohra fuq *letter head* tal-Gozo Football Association li wkoll kien taha lil Ali Moursi Ibrahim. Spjega li din l-ittra kienet datata ghoxrin ta’ Frar 2001 ghas-*season* ta’ wara u meta ghadda s-*season*, Ali Moursi Ibrahim kien rega’ mar ghandu, hadlu kopja tal-ewwel kuntratt u talbu biex jerga jghamillu l-istess haga izda xtaq ibiddel l-klabb. Qal li l-imputat kien qallu li hu kien informa lil membri tal-Kumitat tas-Sannat Football Club w ghamel ittra ohra datata erbgha ta’ Gunju 2002 akkumpanjata b’*letter head* wkoll tal-Gozo Football Association datata sitta ta’ Gunju 2002.

Qal l-imputat kien rega’ ta lil Ali Moursi Ibrahim l-ittri mhux iffirmati bl-intendiment li l-istess Ali Moursi Ibrahim igib il-firem hu. Qal li l-imputat kien qallu li kien mela’ wkoll applikazzjoni u <u>kuntratt fuq *letter head* tax-Xewkija Tigers liema *letter head* kien ghamilha huwa stess fuq il-*computer* tieghu</u>. Qal li l-imputat baqa dejjem jinsisti li kull meta mela’ dawn d-dokumenti tal-*clubs*, dejjem kellem lil xi hadd mill-*clubs* ghalkemm qatt ma qal li min kien kellem. Qal li meta staqsa lil imputat x’paga kien inizzel meta kien japplika ghal *work permit*, dan qallu li dejjem qaghad fuq l-ammont ta’ paga li kien jghidlu biha Ali Moursi Ibrahim, pero wara ammetta li fil-fatt Ali Moursi

Ibrahim qatt ma qallu x'paga kien jircievi mill-*clubs*. Qal li ammetta wkoll li fil-fatt Ali Moursi Ibrahim ma kienx *player* tal-*football*. Zied jghid li l-imputat kien qallu li Ali Moursi Ibrahim kien stqarr mieghu li jekk ma jimlilux dawn il-formoli kien ser jispicca jitkecca minn Malta u jinqabad bil-lieva u li hu kull ma kien jonqsu kien biss ftit xhur biex ma jkunx maqbud bil-lieva. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 li giet immarkata bhala Dok JC. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 730 Raymond Vella kif ukoll tal-imputat presenti fl-awla. Ikkonferma li dak kollu li gie mistoqsi l-imputat, jidher fl-istess stqarrija.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'April 2005 **xehdet Jane Attard** [fol 28] fejn esibit vera kopja fotostatika ta' numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. S [fol 29 et seq].

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'April 2005 **xehed PS 130 Joseph Cilia** [fol 114] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003, fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-allura Spettur Joseph Cordina, kien baghat ghal imputat presenti fl-awla, w infurmah li kienet qed issir investigazzjoni dwar certu Ali Mousri Ibrahim u giet moghti s-solita twissija. Qal li l-imputat kien stqarr li kien jaf lil din l-persuna. Qal li meta staqsewh ghal xi dokumenti li uza biex japplika ghal *work permit*, cahad li fil-fatt qatt ipproduca dawn id-dokumenti. Qal li fuq dan infurmawh li kienu ser jelevaw il-*computer* mir-residenza tieghu u hu ma sab ebda oggezzjoni ghal dan u sussegwentement kien mar PS 498 David Agius w ghamel *search* fil-*computer* tal-imputat u fil-fatt dawn id-dokumenti dehru fuq il-*computer* tal-imputat w ghalhekk dan gie elevat.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t'April 2005 **xehed PS 498 David Agius** [fol 116] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 kien mar Ghawdex flimkien mal-allura Spettur Joseph Cordina u PS 130 Ivan Cilia fuq investigazzjoni dwar allegazzjoni li kellhom fuq l-imputat in konnessjoni ma *working permit* mahrug f'isem Ali Mousri Ibrahim. Qal li hu acceda fir-residenza tal-imputat fix-Xewkija fejn fuq il-*computer* tal-imputat, sabu l-informazzjoni li kienu qed

ifittxu u cioe xi fotokopji li setghu kienu qed isiru. Qal li dan il-*computer* gie elevat ghal aktar investigazzjoni. Qal li mill-analizi li hu ghamel mid-dokumenti moghtija lilu mill-allura Spettur Joseph Cordina, kopja taghhom tinsab fuq il-*computer* tal-imputat li gie elevat. Ix-xhud esibixxa rapport dwar dak li rrizultalu li gie mmarkat bhala Dok.PS (fol 118 et seq) u tlett *hard discs* li gew elevati mill-*computer* tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. PS 1, PS 2 u PS 3. Zied jghid li l-*computer* minghajr l-*hard disc* gie ritornat lil imputat.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PS 567 Teddy Bajada** [fol 141] fejn qal li hu jinvolvi ruhu fil-kumitati tal-*football* u hu wkoll *coach* ta' diversi *teams* fosthom l-Gozo FC Sannat. Meta gie muri zewg dokumenti a fol 49 u 50 tal-atti, ix-xhud qal li dak a fol 49 huwa *letter head* ta' Sannat Football Club w ghalkemm hemm referenza ghal x'allegat ftehim li sar fejn hu kien partecipi, hu din l-ittra qatt ma raha u qatt ma ppartecipa f'ebda ftehim. Qal li l-firma fuq dan d-dokument ma hiex tieghu u li f'Gunju 2002 hu ma kellu ebda kariga fil-kumitat tal-*football* tas-Sannat. Dwar d-dokument a fol 50, x-xhud qal li din hi applikazzjoni ohra ghal impjieg mal-Expatriates and Citizenship f'isem *player* bl-isem Ali Mousri Ibrahim li fuqha tirrizulta firma b'ismu, pero cahad li din kienet tieghu ghaliex hu qatt m'ghamel applikazzjoni ta' dik in-natura.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Joseph Cordina** [fol 142] fejn ikkonferma li f'Lulju 2003, hu kienipprezenta rapport lil Pulizija Ezekuttiva u dan fil-kapacita tieghu ta' President tal-Gozo Football Association ghax fost il-korrispondenza li kien qed jezamina, kien ircieva korrispondenza mill-Immigration Officer dwar allegat applikazzjoni ghal permess ghal *player* jismu Ali Mousri Ibrahim. Qal li ghal ewwel haseb ftit fis-sens li dan il-*player* ma jilghabx Ghawdex u gie bejn haltejn jekk kellux jirrapport l-kaz lil pulizija pero peress li kien sejjer Malta, iddecida li jtella l-karti li kellu mieghu Malta w ghaddihom lil Ispettur Joseph Cordina u staqsih jekk hu kienx ser jittella jixhed u l-Ispettur Joseph Cordina wiegbu fin-negattiv, ghalkemm xorta kellu jitla jixhed. Meta gie muri

d-dokument a fol 47, ix-xhud stqarr li hu qatt ma ra dan d-dokument qabel. Mistoqsi xi jfisser x-xahar ta’ Gunju 2002, wiegeb li ma kienx f’posizzjoni jghid jekk Lorry Zammit kienx Segretarju tal-Gozo Football Association jew le. Mistoqsi mill-pulizija jghid jekk hu kienx qalilhom li Lorry Zammit ma kienx Segretarju tal-Gozo Football Association f’Gunju 2003, ix-xhud wiegeb li jekk kien qalilhom hekk, hekk hu. Qal li hu ilu jokkupa l-kariga ta’ President tal-Gozo Football Association ghal dawk l-ahhar erbgha snin u ghal ewwel sena w nofs tal-kariga tieghu, Lorry Zammit kien Segretarju tal-Gozo Football Association. Qal li hu ma jafx minn hu dan l-*player* Ali Mousri Ibrahim.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehed Lorry Zammit** [fol 144] fejn qal li f’Gunju 2003, hu ma kienx jokkupa l-kariga ta’ Segretarju tal-Gozo Football Association ghaliex kien jokkupa din il-kariga fis-sena 2001. Meta gie muri d-dokument a fol 33, cahad li qatt rah u li l-firma fuqu, ghalkemm iggib ismu, ma hiex tieghu. Meta gie muri d-dokument a fol 47, qal li fuq dan d-dokument ma hemmx l-firma tieghu. Meta gie muri d-dokument a fol 67, qal li fuq dan d-dokument ma hemmx l-firma tieghu. Mistoqsi jekk jafx lil l-*player* Ali Mousri Ibrahim mal-Gozo Football Association, wiegeb li fis-sena li dan kien jittranja mal-Gozo FC, insista li ma kienx jilghab izda jittranja ftit.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehed Carmel Camilleri** [fol 145] fejn qal li fix-xahar t’April 2003 hu kien President tax-Xewkija Tigers. Meta gie muri d-dokument a fol 34 tal-atti, stqarr li dan d-dokument qatt ma kien rah qabel u li kienet l-ewwel darba li kien qed jarah. Qal li ghalkemm fuq dan d-dokument hemm firma b’ismu, din il-firma ma kienetx tieghu. Qal li l-firma ta’ dan l-*player* fuq dan d-dokument, hu ma jafux.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehed Rueben Cassar** [fol 146] fejn qal li hu ghamel xi zmien Segretarju tas-Sannat Football Club. Meta gie muri d-dokument a fol 48 tal-atti, cahad li qatt rah qabel w ghalkemm fuqu hemm firma bl-isem tieghu, tali firma ma kienetx tieghu,

ghalkemm tixbaha hafna. Qal li hu ma jafx lill-*player* Ali Mousri Ibrahim indikat f'dan id-dokument u dan ghaliex hu ma kienx jarahom jew jiltaqa mal-*players* li kienu jingiebu ghal prova.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Michael Grech** [fol 149] fejn qal li hu jahdem bhala Executive Officer fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Work Permit. Mistoqsi sabiex jara jekk kienx hemm applikazzjoni f'isem Ali Fekri Mousri Ibrahim, qal li fit-tlettax ta' Jannar 2000 il-President tal-Gozo Football Club kien applika ghal din il-persuna u dana sabiex jahdem maghhom bhala *footballer*. Qal li effettivament kien hareg permess biex jahdem bhala *footballer* fit-tmienja u ghoxrin t'April 2000 u cioe permess ghal perjodu ta' sena u cioe' sat-tmienja u ghoxrin (28) t'April 2001. Sussegwentement, zied jghid x-xhud, fit-tnax ta' Marzu 2001, l-President tal-Gozo Football Association ghal darb'ohra applika sabiex dan il-permess jigi mgedded w l-Board tal-Work Permit approva tali estensjoni li johrog il-permess sat-tletin ta' Gunju 2001. Qal li dan il-permess ma harigx peress li s-*season* kien maghluq meta gie biex jibda jahdem.

Kompla jispjega li fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju 2001, is-Segretarju tal-Gozo Football Association, Joseph Camilleri applika ghal Ali Mousri Ibrahim sabiex jahdem ta' *footballer,* w l-permess hareg fit-tletin ta' Novembru 2001 u kellu effett sal-wiehed u tletin ta' Mejju 2002.

Qal li fit-tmintax ta' Gunju 2002, l-President tas-Sannat Lions Football Club, Teddy Bajada applika ghan-nom ta' Ali Mousri Ibrahim u dana sabiex jahdem bhala *footballer*, w l-permess rega' hareg fid-disgha u ghoxrin t'Awissu 2002 u kien validu sal-wiehed u tletin ta' Mejju 2003.

Qal li fit-tnejn u ghoxrin t'April 2003, is-Segretarju tax-Xewkija Tigers Football Club, Marcel Bonnici, applika ghall-permess ghal Ali Mousri Ibrahim sabiex ghal darb'ohra jahdem bhala *footballer* u din l-applikazzjoni giet irtirata f'Lulju 2003. Qal li l-ittra kienet indirizzata lilhom minn Marcel Bonnici stess. Qal li hu ha din l-informazzjoni mill-file numru 101/2000. Qal li hlief ghal

perjodu zghir bejn it-tmienja u ghoxrin t'April 2000 u l-wiehed u tletin ta' Mejju 2003, Ali Mousri Ibrahim kellu l-impjieg tieghu regolarizzat hawn Malta.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Marcel Bonnici** [fol 151] fejn qal li hu ghamel xi zmien jokkupa l-kariga ta' Segretarju max-Xewkija Tigers Football Club fil-perjodu tas-sena 2003. Qal li llum il-gurnata m'ghadux jokkupa din il-kariga. Mistoqsi jaghti xi nformazzjoni dwar il-*player* Ali Mousri Ibrahim ix-xhud wiegeb li ma jaf xejn dwaru.

Meta gie muri d-dokument esebit f'dawn l-atti a fol 122, ix-xhud stqarr li dan id-dokument rah l-ewwel darba meta kien baghat ghalih l-Ufficcjal Prosekutur. Qal li l-firma fuq dan id-dokument m'hijiex tieghu u li Ali Mousri Ibrahim qatt ma kien *player* tax-Xewkija Football Club. Meta gie muri d-dokument a fol 29 tal-atti, x-xhud qal li xi zmien qabel kien cempillu Joseph Cordina, il-President tal-Gozo Football Association u qallu li kienu baghtu ghalih il-Pulizija u meta ccekkja mal-Expatriates Section, sab li kien hemm applikazjoni mix-Xewkija Football Club. Qal li hu baghat fax minnufih l-Ufficcju tal-Expatriates biex jghidilhom li kien qed jirtira din l-applikazzjoni peress li ma kienitx taghhom. Meta gie muri d-dokument a fol 35 tal-atti, x-xhud qal li dik hija applikazzjoni pero l-firma li hemm fuq din l-applikazzjoni m'hijiex tieghu. Qal li fil-perjodu meta giet miktuba din l-ittra u cioe's-sena 2003, hu ma kienx Segretarju tal-Club.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Dottor Chris Said** [fol 152] fejn mistoqsi mill-Ufficcjal Prosekutur jghid x'jaf dwar il-*player* Ali Mousri Ibrahim wiegeb li dan kien gie bhala *player* ghal xi stagun mal-Gozo Football Association. Qal li dak iz-zmien hu kien President tal-istess assocjazzjoni. Spjega li l-Gozo Football Club, huwa t-*team* tal-Gozo Football Association u li hu ilu hames snin mhux President tieghu w ghalhekk dan l-incident sehh qabel. Qal li dan il-*player* kien ghamel xi zmien ghal prova maghhom u u hu kien ghamillu applikazzjoni sabiex jinhariglu *work permit* ghalkemm effettivament qatt ma laghab *football* kompetittiv mal-Football Club.

Meta gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol 109, x-xhud qal li din hija applikazzjoni maghmula minnu bhala President tal-Gozo Football Club, fis-sitta ta' Jannar 2000. Ikkonferma l-firma tieghu fuq dan id-dokument. Meta gie muri d-dokument a fol 108 ix-xhud qal li din hija l-istess applikazzjoni bhal dik murija a fol 109 u fol 103 hemm dokument iehor li huwa l-istess. Qal li a fol 102 hemm dikjarazzjoni datata wkoll sitta ta' Jannar 1999 – 'Ghal Min Hu Konkernat'. Ikkonferma li dik hija ffirmata minnu. Zied jghid li a fol 89 hemm ittra ffirmata minnu wkoll li hi ndirizzata lill-Ufficcjal Inkarigat, National Expatriates Division w ikkonferma li l-firma fuqha hija wkoll tieghu. Ikkonferma wkoll li fid-dokumenti a fol 81 u 82 hemm ukoll il-firma tieghu.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Joseph Camilleri** [fol 154] fejn mistoqsi x'kien l-involviment tieghu fil-*football* Ghawdxi f'dawn l-ahhar snin, wiegeb li hu s-Segretarju tal-Gozo Football Club u dana b'effett minn meta twaqqaf dan l-istess Club sa dakinhar u li fil-present jokkupa l-kariga ta' Vici-President tal-Gozo Football Association. Mistoqsi jekk jafx il-*player* Egizzjan Ali Moursi Ibrahim wiegeb li ma jafux, ghalkemm jekk jarah forsi jghid li rah xi darba. Meta gie muri d-dokument a fol 69 tal-atti, ix-xhud stqarr li fuq dan id-dokument m'hemmx l-firma tieghu. Qal li dan japplika l-istess ghad-dokument muri a fol 68, l-istess japplika ghad-dokument a fol 73 u l-istess ghad-dokument muri a fol 80. Qal li l-firma fejn hemm miktub Joseph Camilleri m'hijiex tieghu, u lanqas dawk murija fid-dokumenti a fol 92 u a fol 98. Qal li fuq il-kotba tal-Gozo Football Club, zgur li Ali Moursi Ibrahim ma kienx registrat. Spjega li l-Gozo Football Club huwa affiljat mal-Malta Football Association. Mistoqsi jekk jafx jekk kienx jinghab ma' xi Clubs ohrajn f'Ghawdex ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li l-*footballer*s tal-lokal jafhom, pero l-barranin ma tantx kien jafhom. Qal li ma jafx jekk effettivament inghatalux xi permess biex jilghab ta' *footballer* Ghawdex.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Alvin Grech** [fol 155] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-

General Football Association u dana b'effett mis-sena 2000 sa dakinhar. Mistoqsi jekk jiena nafx il-*player* Ali Moursi Ibrahim wiegeb li fuq il-kotba tal-Gozo Football Association m'huwiex registrat zgur.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed Charles Calleja** [fol 157] fejn qal li li mis-sena elfejn 'l hawn hu kien membru fil-Gozo Football Club u kien w ghadu President tal-Gozo Football Club. Qal li llum il-gurnata qieghed ukoll Vici-President tal-Gozo Football Association. Meta gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol 68, x-xhud stqarr li ma kien jaf xejn dwar dan id-dokument, u li l-firma li hemm fuq dan id-dokument m'hijiex tieghu. Meta gie muri dokument iehor a fol 80, ghal darb'ohra x-xhud stqarr li l-firma fuq dan id-dokument m'hijiex tieghu lanqas. Mistoqsi jekk il-player Ali Moursi Ibrahim qattx kien *player* registrat mal-Football Ghawdxi, ix-xhud wiegeb li ma jiftakrux. Mistoqsi jekk jkollhomx hafna *players* ix-xhud wiegeb li ma jafx, pero jghid li lil Ali Moursi Ibrahim ma jiftakrux u li jista' jkun li kien registrat u mhux qed jiftakru, pero' ma hasibx li jafu. Mistoqsi jekk jafx jekk dan il-player Ali Moursi Ibrahim kienx imdahhal f'xi *team* iehor lokali wiegeb li ma jafx.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2006 **xehed Joseph Micallef** [fol 163] fejn qal li hu jahdem bhala Projection Manager ma' l-FXB. Mistoqsi jekk ghandux xi konnessjonijiet ma' xi sport, wiegeb li llum il-gurnata m'ghandux. Qal li fl-imghoddi pero' kellu konnessjonijiet mal-Sports, kien konness ma' l-Oratory F.C, Gozo F.A. u mal-Gozo F.C. Meta gie muri d-dokument li jinsab inserit a fol. 92 tal-process, ix-xhud ikkonferma li l-firma fuq dan id-dokument ma hijiex tieghu. Meta gie muri d-dokument li jinsab inserit a fol. 98 ta' l-atti ix-xhud ikkonferma li lanqas din il-firma murija fuq dan id-dokument ma hija tieghu.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2006 **rega' xehed Joseph Micallef** [fol 177] fejn meta gie muri d-dokument a fol 92 tal-atti, ikkonferma li din hija *letter head* tal-Gozo Football Club. Qal li hu kien ghamel xi zmien bhala President tal-Gozo Football Club. Mistoqsi jekk dak z-zmien u cioe fi Frar 2000, kienx President tal-Club, ix-

xhud wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk il-firma fuq dan d-dokument hiex tieghu jew le, ix-xhud wiegeb li ma hiex tieghu. Mistoqsi jekk jafx lil Ali Moursi Ibrahim, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb jekk kienx *player* jew le. Meta gie muri d-dokument a fol 98 tal-atti, kif wkoll l-*letter head* tal-Gozo Football Club datat Dicembru 1999, ix-xhud ikkonferma li l-firma fuq dan d-dokument zgur ma kientx tieghu.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed Ali Moursi Ibrahim** [fol 168] fejn wara li l-Qorti taghtu s-solita twissija li dak li se jghid, kien ser jinkriminah, kellu dritt li ma jwiegibx.

Stqarr li ilu jghix hawn Malta mill-1996. Qal li xi zmien kien *footballer* w anke kien barra minn Malta. Spjega li l-ewwel *club* li kien ipprova jilghab mieghu kien ix-Xaghra fis-sena 1998. Qal li l-ewwel kuntratt li kellu kien mal-Gozo Football Club fis-sena 1999/2000 u baqa attiv fil-*football* wara w anke fis-sena 2001. Qal li wara kien involut f'incident bil-karozza u ghamel sitt xhur ma jistax jilghab, w imbaghad rega' beda jilghab il-*football*. Qal li dak iz-zmien kien jilghab mal-Football Club Association u l-*coach* tieghu kien certu Teddy Bajada. Qal li fit-2002 kellu kuntratt mal-*club* ta' Sannat u fit-2003 max-Xewkija, pero ma kienx jithallas minnhom. Qal li hu kien iffirma kuntratti ma' dan il-*club* l-ewwel kuntratt li ffirma, kien mal-Gozo Football Club quddiem il-President tal-*club*. Qal li t-tieni kuntratt li ffirma kien mal-Gozo Football Association kif ukoll mal-President. Qal li t-tielet kuntratt li ffirma bejnu u bejn s-Segretarju ta' Sannat; certu Lorry Zammit. Qal li r-raba kuntratt kien ma' Marcel Bonnici u l-imputat li gharaf prezenti fl-awla. Qal li hu ma ffirmax quddiem dawn in-nies, sab il-karti lesti. Qal li Marcel Bonnici kien prezenti ghalkemm ma rahx jiffirma u Joseph Dingli ffirma quddiemu. Qal li hu, l-karti, dejjem sabhom ghand l-imputat prezenti fl-awla u kien hu li ghaddiehomlu biex jiffirma u dan b'referenza ghall-kuntratt li kien ghamel max-Xewkija. Meta gie muri d-dokument li jinsab inserit a fol. 33 ta' l-atti ix-xhud stqarr li dan id-dokument kien rah qabel. Qal li kien sab dawn il-karti ghand Lorry Zammit, jigifieri dawn il-karti gew mghoddija lilu minn Lorry Zammit stess. Meta gie muri d-dokument a fol. 34 datat tmintax

t'April, 2003 u li fuqu hemm il-firma tieghu, ix-xhud qal qatt ma ra la lil Marcel u lanqas persuna ohra jiffirma dan id-dokument u kull ma ra kien lil Joe Dingli jiffirmah quddiemu.

Qal li hu kien gie arrestat fuq dan id-dokument hu ma kien ghamel xejn bih. Ix-xhud cahad li Teddy Bajada u Reuben Cassar jew Lorry Zammit iffirmaw l-kuntratt quddiemu.

Meta gie muri d-dokument a fol 68 ix-xhud qal li dan hu l-ewwel kuntratt li ffirma u li kien fil-fatt Dottor Chris Said li tah dan id-dokument. Qal li hu ma jafx in-nies l-ohrajn li hemm indikati fuq dan il-kuntratt, ghax kien l-ewwel kuntratt li ffirma Ghawdex. Qal li hu kien involut f'incident fis-sena 2001 u spicca kellu xi ksur f'saqajh, kien involut f'incident u dam tlett xhur jimxi jzappap u kien wara sitt xhur li rega' beda jittrenja, pero' fil-loghob tal-League ma laghabx. Qal li ma kienx ghadu tajjeb biex jilghab ghax saqajh kienet ghadha tugghu. Qal li wara li ffirma l-ahhar kuntratt, ma regghax laghab ghax id-dokument kien mar Kastilja, hu kien gie arrestat u qatt ma m'inghata permess iehor. Qal li sas-sena 2002 qatt ma thallas mill-*clubs*. Qal li laghab fis-sena 2003 mal-*clubs*. Spjega li mill-erbgha kuntratti, l-ewwel wiehed hadu mill-President tal-Gozo Football Club, it-tieni u t-tielet minghand is-Segretarju tal-Football Association u r-raba wiehed minghand l-imputat, jigifieri ghalih, dawn huma kuntratti huma veri. Cahad li hu qatt ha lil imputat xi dokument vojt biex jaghmillu xi kuntratt fuqu. Qal li darba hu u Joe Dingli hadu karta lill-Football Association, lis-Sur Zammit, liema karta gabru minghand Lorry Zammit u kienet iffirmata. Qal li d-dokument a fol. 33 hu qatt ma rah qabel f'idejh. Qal li d-dokument a fol. 4 gie moghti lilu minn Joe Dingli, l-imputat, bil-kontenut lest u qatt m'iffirma fuqu, kien hemm biss il-firma ta' Joe Dingli. Qal li hu hallih ghand Joe Dingli, u mar l-ghada u sab id-dokument kollu lest u mar hu bih Kastilja. B'referenza ghad-dokument a fol 35, ix-xhud qal li dan id-dokument gie mimli minnu, tah lil Joe Dingli u kien hu li pprocessah. Qal li d-dokument a fol 49 gie moghti lilu minghand Lorry Zammit u dan bil-firem lesti u hu ffirma fuqhom wara. Qal li Lorry Zammit sa dak il-hin

kien Segretarju tal-*club*. Ikkonferma li d-dokument a fol. 50 imlieh hu u li Teddy Bajada ma ffirmahx quddiemu, pero' hu ffirmah. Qal li ffirmah, tah lil Joe Dingli u kien hu li pprocessah wkoll. Qal li d-dokument a fol. 68 kien gabru minghand Dottor Chris Said u li l-firma ta' fuqu hija tieghu u li gabru minghand Dottor Said bil-firem lesti. Ghar-rigward d-dokument a fol. 69 ix-xhud qal li dan kien imlieh hu wkoll, pero' l-firmatarju tieghu quddiemu m'iffirmax. Qal li kien halla dan id-dokument ma' Dottor Chris Said mal-kuntratt. Meta gie muri d-dokument a fol. 81, x-xhud ikkonferma li dan kien imlieh hu u li lil Dottor Chris Said ma rahx jiffirma quddiemu. Qal li l-imputat kien jaghmillu xoghol iehor apparti dan; xoghol ta' Taxxa, peress li kien jaghmel *part time* lin-nies. Qal li l-imputat kien idahhallu l-flus li kien jaqla mill-*football* fit-Taxxa.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2007 **xehed Martin Bajada** [fol 180] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MB [fol 181]. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-firem kollha li hu ezamina bil-ghan ta' komparazzjoni, kif spjegat minnu fir-relazzjoni, huma kollha foloz u cioe ma sarux mill-persuna minghand min ingabar l-kampjun salv u b'eccezzjoni ghal firma ta' Dottor Chris Said fuq numru ta' dokumenti, kif hemm imsemmi fl-istess relazzjoni a fol 186.

Illi l-imputat ma xehdx f'dawn il-proceduri, ghalkemm irrilaxxja stqarrija nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 (fol 25) w ghalhekk, stante li l-imputat m'innegax dak li qal fl-istqarrija tieghu, il-Qorti ghandha taghti piz lil din l-istqarrija, u tikkonsidraha bhala x-xhieda tieghu.

Jirrizulta minn ezami tal-istess stqarrija li huwa kiteb xi ittri fuq *letter heads* tal-Gozo Football Association. Ghalkemm hu jghid li dawn l-*letter heads* kien igibhomlu Ali Moursi Ibrahim, meta l-*computer* tieghu gie ezaminat, fih instabu numru ta' *letter heads* ta' diversi *clubs* tal-*football* u mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi *club* tal-*football* li effettivement kien tefa' xi applikazzjoni ghal permess ta' Ali Moursi Ibrahim jew li kien ta xi dokument lil Ali Moursi Ibrahim sabiex jigu mimlija.

Ammetta wkoll li ghamel xi kuntratti fuq *letter heads* ta' Sannat Football Club meta ma kienx jifforma parti mill-kumitat ta' dan l-klabb. Ikkonferma li kien kiteb l-isem ta' Teddy Bajada w id-data izda cahad li kien ghamel l-firma tieghu. Ikkonferma wkoll li kien ikkreja kuntratt fuq *letter heads* ta' Xewkija Tigers Football Club datat tmintax t'April 2003 u dan fuq il-*computer* tieghu u din d-darba ammetta wkoll li kien iffirmah.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk l-ismijiet li kienu jidhru fuq l-ittri u kuntratti li kien jikteb gewx suggeriti lilu minn xi hadd, l-imputat wiegeb li kien jaf lin-nies tal-klabb w ghalhekk kien jaqbad u jiktibhom hu. Jghid li huwa kien jinforma lil tal-klabb b'dak li kien jaghmel pero huwa ma jsemmi ebda isem u fil-fatt ma ressaq ebda bniedem jixhed f'dan il-kaz biex jikkonferma li l-imputat kien qallu b'dak li kien qed jaghmel.

Mistoqsi kienx jaf li verament Ali Moursi Ibrahim ma kienx jilghab *football*, l-imputat iwiegeb li kien jaf u sahansitra jghid li kien jaf li wegga' rkopptu w ghalhekk ma setghax jilghab. Kien jaf wkoll li jekk imur lura pajjizu, Ali Moursi Ibrahim kien ser jinqabad suldat.

Mistoqsi jispjega kif fuq l-kuntratt tax-xoghol a fol 34 tal-atti hemm il-firma tieghu, ta' Ali Moursi Ibrahim u Lorry Zammit bhala Segretarju u li dawn kienu kollha bl-istess biro meta qal li Lorry Zammit m'iffirmax quddiemu, l-imputat jghid li setgha kien il-kaz li Ali Moursi Ibrahim hadlu l-istess biro w ghalhekk lil Lorry Zammit biex juzaha.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz fi skritturi li ntuzaw ghal skop pubbliku u cioe sabiex Ali Moursi Ibrahim jottjeni permess biex jahdem Malta. Jirrizulta wkoll li b'din il-falsifikazzjoni fl-atti, l-imputat kien qed jaghmel hsara lil Gvern ta' Malta.

Illi ma hemmx dubbju li b'dak li ghamel l-imputat, huwa kiseb vantagg u beneficcju ghal Ali Moursi Ibrahim, meta xjentement taha taghrif falz.

Il-Qorti pero ma thossx li l-akkuza li hu allegatement ghamel uzu minn dokument falz tirrizulta ghaliex fil-fatt kien Ali Moursi Ibrahim li ghamel uzu minn din id-dokumentazzjoni hekk msejjha falza.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 183, 184, 187(1)(2) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH DINGLI hati tal-akkuzi kollha, salv u b'eccezzjoni dwar dik li ghamel uzu minn skrittura falza, mill-liema akkuza tilliberah.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta w ghalhekk ghandu jigi kkunsidrat bhala li hu *a first time offender* u konsegwentement tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ghar-reati li taghhom sabitu hati, ta' elf (1000) Euro liema multa ghandha tigi mhallsa fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien stipulata f'din is-sentenza, l-ammont dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tordna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi fil-hatra ta' Martin Bajada fl-ammont ta' hames mija u tlettax (513) l-Euro u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.**

**Tordna l-konfiska tal-computer u hard discs esibiti nhar l-wiehed ghoxrin t'April 2005 minn PS 498 David Agius markati bhala Dok. PC 1, PC 2 u PC 3 favur il-Gvern ta' Malta.**

**Fnalment tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi kommunikata lir-Direttur tal-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------